**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 1 ta' Novembru, 2001**

**Numru 7**

**Avviz numru 556/01**

**Maltacom plc**

**vs**

**Michael Attard**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mija u tletin liri Maltin u tlettax-il centezmu (Lm130.13) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 245591 (skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba u mmarkati Dok A u B).

Il-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenut kif ukoll bl-ispejjez tal-ittra nterpellatorja datata 24 ta' April, 2001. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil PL Noel Scerri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**